# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 25 ta' Mejju 2021**

**Talba numru 198/2019**

***Fabian Borg (190375M) u Rowena-Marie Borg (406778M)***
***vs.***
***Technological Innovations Limited (C60666)***
***eżerċenti l-kummerċ bħala Window World Innovations***

**It-Tribunal:**

**1. <u>Preliminari</u>**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-31 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu l-atturi talbu:

> "*Prevja d-dikjarazzjoni li s-soċjetà intimata forniet prodotti li huma inferjuri, difettużi u ma jikkonformawx mal-kwalità mwiegħda u raġjonevolment mistennija u li wettqet danni fir-residenza tar-rikorrenti kemm waqt l-installazzjoni tal-prodotti mertu tat-Talba kif ukoll waqt attentati ta' rimpjazzament li saru, tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas ossia tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) mħallsa minnhom bħala deposit kif ukoll is-somma ta' disa' mija u sitta u sebgħin Ewro (€976) inkorsi mir-rikorrenti sabiex jissewwew ħsarat ikkaġunati minn ħaddiema tas-soċjetà intimata waqt l-installazzjoni u xogħlijiet ta' rimpjazzament li saru fir-residenza tar-rikorrenti jew kwalunkwe somom verjuri li jistgħu jirriżultaw waqt is-smigħ tat-Talba u li ma jeċċedux il-ħamest elef Ewro (€5,000). Bl-ispejjeż u bl-interessi legali kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*"

Ra r-Risposta ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2019, liema Risposta taqra hekk:

> "*Illi preliminarjament din it-talba hija intempestiva peress li ġiet ippreżentata qabel l-esponenti ġie nnotifikat b'ittra uffiċjali li talbithom il-ħlas, u kwindi l-ispejjeż fi kwalunkwe każ tiġi deċiża din il-kawża għandhom jiġu akkollati lill-atturi.*

*Illi l-eċċipjenti m'għandhom jagħtu assolutament xejn lill-atturi għaliex l-ammont pretiż mill-atturi mhuwiex dovut u jekk se jkun hemm ammont li jirriżulta li huwa dovut, dan għandu jiġi paċut ma' ammont ikbar li huwa dovut minnha lilu kif spjegat fil-kontro-talba ppreżentata mill-eċċipjenti.*

*Illi l-atturi kienu aċċettaw il-konsenji taż-żewġ bibien u żewġ twieqi u kienu kuntenti bis-servizz mogħti lilhom u biss diversi xhur wara li bdew jilmentaw minn bieb partikolari wara li s-soċjetà konvenuta talbet li titħallas il-bilanċ rimanenti.*

*Illi s-soċjetà konvenuta kienet ippruvat tikkuntenta lill-atturi anki billi offriet li tbiddel bieb u saħansitra marret fuq il-post bil-bieb sabiex jinbidel, b'dan pero l-aturi kienu rrifjutaw li jagħtu aċċess lill-ħaddiema tal-konvenuti.*

*Illi lanqas huwa minnu li l-esponenti jew ħaddiema tagħhom wettqu xi ħsara fil-fond tal-konjuġi Borg.*

*Konsegwentement it-talba tal-atturi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*"

Ra l-Kontro-talba ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2019 li tgħid:

"*Għidu intom konjuġi Borg għaliex dan it-Tribunal m'għandux jikkundannakom tħallsu l-ammont ta' €1,744.43 dovuti wara li l-esponenti għamlu delivery ta' żewġ bibien u żewġ twieqi fuq struzzjonijiet tagħkom u intom ħallastu biss is-somma ta' €1,500 u għalhekk fadal bilanċ ta' €1,744.43 u dan kif muri aħjar fir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura inkluż l-ittra interpellatorja u l-interessi legali mis-27 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti.*"

Ra d-digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 (fol. 23 sa 25).

Ra r-Risposta tal-atturi għall-Kontro-talba tas-soċjetà konvenuta, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-28 ta' Novembru 2019 u taqra hekk:

"*1. Illi t-talba proposta mis-soċjetà intimata rikonvenzjonanti hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar u dan skont l-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Illi mill-bqija, it-talba proposta mis-soċjetà intimata rikonvenzjonanti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan kif ser jiġi ulterjorment spjegat waqt is-smigħ.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata rikonvenzjonanti li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*"

Sema' ix-xhieda kollha u qara d-dokumentazzjoni ppreżentata, inklużi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Mejju 2021.

## 2. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-atturi rikonvenzjonati fil-konfront tal-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti

L-atturi rikonvenzjonati eċċepew il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 2148(a) u 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa ċar li dawn iż-żewġ paragrafi tal-Artikolu 2148 japplikaw għal din is-sitwazzjoni inkwantu li jittrattaw azzjonijiet "*…ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet*

*tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*". Il-paragrafu (b) mbagħad jittratta azzjonijiet ta' kredituri "*għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.*"

It-Tribunal ra li l-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:

"***2160.*** *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

Saru emendi f'dawn iż-żewġ artikoli permezz tal-Att I tal-2017. Minn dan l-Att, jista' jiġi osservat li qabel din l-emenda, l-Art. 2160(1) kien jaqra hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza ***Bottega Del Marmista Limited vs. Paul Mifsud pro et*** (deċiża fis-26 ta' Jannar 2018), qalet:

"*Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

> *"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.*"

Il-Prim' Awla sostniet dan il-punt meta fil-kawża ***P&S Limited vs. Noel Zammit et***, deċiża fis-16 ta' Frar 2018, qalet hekk:

"*L-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili biddlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda l-preskrizzjonijiet qosra jew partikulari. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" (ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963 u "Salvatore Jacono -vs- Vincenza vedova Serra", Appell Civili, 4 ta` Frar 1927).*

*Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli safejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bilfors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn*

*jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.*

*Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetah bieb li minnu dahlet l-opportunita' ghall-Attur biex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami lill-Konvenut, bil-beneficcji kollha li tista' ggib maghha l-procedura tal-kontro-ezami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet ghal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs- Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963 fejn intqal hekk:-*

> *" ... … imma jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, dan ifisser illi hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-eccezzjoni eccepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni taghha u jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz ikun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jahlef skont il-ligi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz ta' difiza, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."*

*Jista' jkun il-kaz li llum, certu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqghux effikaci proceduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi. Ghalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem holoq kontroversja morali u etika ghax il-prova tkun qed tigi rimessa lill-"foro conscientiae" tal-individwu. Izda minn naha l-ohra, huwa ukoll principju importanti, li min jippretendi li ghandu dritt, jrid jiehu kura tieghu billi jezercitah fi zmien ragjonevoli. It-termini ta' zmien fil-procedura, huma mahsuba li jaffermaw ic-certezza tad-dritt mhux biss ghall-kreditur izda ukoll ghad-debitur, altrimenti dan tal-ahhar jista' jibqa' indefinittivament passibbli ghall-proceduri, haga li ma hiex konsentita mill-ligi naturali. Il-ligi thares lejn il-moghdija ta' zmien, skont ic-cirkostanzi tal-kaz, bhala fattur naturali li jgib fix-xejn l-ezercizzju tad-dritt bl-akkwizizzjoni tieghu mit-terz jew l-estinzjoni tieghu.*"

Dawn l-insenjamenti dehru anki fis-sentenza riċenti tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc vs. David Charles Bajada et*** (deċiża fil-25 ta' Frar 2021).

Għalhekk, sabiex l-atturi rikonvenzjonati jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-preskrizzjoni brevi tal-Art. 2148(a) u 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, huma jridu jistqarru taħt ġurament li mhumiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. It-Tribunal ra li fl-aħħar paġna tal-affidavit tiegħu (fol. 40), Fabian Borg iddikjara taħt ġurament "*li assolutament m'għandna nagħtu lil Technological Innovations Ltd, anzi huma għandhom jagħtu lilna.*" Fid-dawl ta' dan, dak li titlob il-liġi sabiex l-atturi rikonvenzjonati jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-preskrizzjoni brevi relattiva ġie sodisfatt.

It-Tribunal jinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta allegat li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu mhux biss jgħid taħt ġurament li hu mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa tħallsitx, iżda anki "*jagħti r-raġunijiet u jispjega għaliex mhuwiex debitur.*" In sostenn, hija semmiet is-sentenza ***Louis Refalo et vs. John Grima et*** (deċiża fl-24 ta' Ottubru 2017 mill-Maġistrat Dr Paul Coppini). F'dik is-sentenza parzjali, dik l-Onorabbli Qorti qalet li skont l-Art. 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili, debitur kellu jagħti r-raġunijiet għaliex iqis ruħu mhux debitur. Issa, l-Art. 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li jridu jingħataw raġunijiet "*fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156*". Pero, l-Art. 2156 jittratta l-preskrizzjoni bid-dekors ta' ħames snin (meta f'din il-kawża ġiet eċċepita preskrizzjoni ferm iqsar) u barra minn hekk, il-proviso jirreferi speċifikament għas-sitwazzjoni meta l-ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Għalhekk, l-argument tas-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward japplika biss għall-preskrizzjoni li toħroġ mill-Art. 2156 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu m'għandu xejn x'jaqsam ma' dan il-każ.

Tajjeb jiġi rilevat li għalkemm is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontro-talba għamlet referenza għal ittra interpellatorja, m'hemm ebda prova li din kienet xi att ġudizzjarju li jikser il-preskrizzjoni (ara l-Art. 2128 tal-Kodiċi Ċivili).

Issa t-Tribunal jgħaddi sabiex jara jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandhiex tkun milqugħa.

It-Tribunal jirreferi għad-dokumenti APS2 (fol. 162), APS4 (fol. 164) u APS5 (fol. 165), ippreżentati mis-soċjetà konvenuta, li huma kollha *invoices* datati 27 ta' Ottubru 2017. Dan huwa kkonfermat mid-diċitura tal-Kontro-talba stess (fol. 14). Imbagħad, id-dokument APS6 (fol. 166) huwa *statement* datat 28 ta' Settembru 2020 (jiġifieri maħruġ wara li bdiet din il-kawża) li jgħid li l-atturi għamlu pagament ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) fis-17 ta' Awwissu 2017 u li mis-27 ta' Ottubru 2017 'il quddiem, l-atturi kienu debituri tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' elf u seba' mija u erbgħa u erbgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,744.43).

Jidher għalhekk li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti m'għamlet xejn li jikser il-preskrizzjoni bejn is-27 ta' Ottubru 2017 u d-data li fiha ġiet ippreżentata l-Kontro-talba, jiġifieri medda ta' madwar tnejn u għoxrin (22) xahar.

Għalhekk, it-Tribunal iqis il-Kontro-talba preskritta u konsegwentement jiċħadha.

## 3. It-talbiet tal-atturi fl-Avviż tat-Talba u r-Risposta tas-soċjetà konvenuta

Issa li t-Tribunal iddispona mill-Kontro-talba, idur sabiex jeżamina l-Avviż tat-Talba u r-Risposta tas-soċjetà konvenuta.

It-Tribunal jibda biex jirreferi għall-kontro-eżami tax-xhud Tamer Salah Mohamed Abo Zed, li skont ix-xhieda tiegħu stess kien jopera *Facebook page* taħt l-isem "Mario Grand". Huwa kkonferma li kien bgħat messaġġ (fol. 72) fejn iddeskriva x-xogħol li kien sar fil-fond tal-atturi bħala "*unprofessional*". Huwa kkonferma li l-attur Fabian Borg kien infurmah li kien hemm xi aperturi minn dawk li kellhom isiru li kienu iżgħar milli suppost kienu jew ikbar milli suppost kienu. Dan ix-xhud mar fuq il-post u kkonferma li wieħed mill-bibien prinċipali ma kienx joqgħod sewwa.

Kuntrarjament għal dak li allega Tamer Salah Mohamed Abo Zed in eżami, l-attur (in kontro-eżami) xehed li mhux veru li fiż-żmien li saru x-xogħlijiet il-fond kien qiegħed jiġi rranġat jew *refurbished*. Qal li kienet dar abitabbli li hu u martu kienu jgħixu fiha. Huwa qal li kif il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta bdew ikissru u saħansitra waqqgħulu l-kċina, hu ċempel lil Mario Grand, li kien il-*point of contact* tiegħu mas-soċjetà konvenuta, u talbu jmur minnufih fuq il-post għax "*qed jagħmluli diżastru*". Meta Anthony Paul Saliba xehed li l-post kien qiegħed jiġi *refurbished*, huwa kien qiegħed jistrieħ fuq li ntqal lilu minn terzi, iżda dawn it-terzi ma tressqux sabiex jixhdu dan. Fil-fatt, ma jidhirx li min-naħa tas-soċjetà konvenuta, tressqu bħala xhieda xi ħaddiema li attwalment ħadmu fil-fond tal-atturi. Għalhekk, dwar ħsarat, it-Tribunal m'għandux wisq għażla ħlief li joqgħod fuq dak li qalu l-atturi. It-Tribunal huwa konvint li huwa minnu li in esekuzzjoni tax-xogħlijiet relattivi, il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kkawżaw ħsarat bla bżonn fil-fond tal-atturi. It-Tribunal jinnota li *in ogni caso*, is-soċjetà konvenuta ma ġabitx provi li l-ħaddiema tagħha ma kkawżawx ħsarat. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-oneru tal-prova mhuwiex statiku, iżda joxxilla.

Jidher mir-Risposta tas-soċjetà konvenuta li din ma tiċħadx li kien hemm bżonn li jsiru xi tibdiliet, għalkemm tiċħad li saru xi ħsarat fil-fond tal-atturi. Il-punt li tqajjem is-soċjetà konvenuta huwa li skontha, għaddew numru ta' xhur bejn l-installazzjoni tal-bibien u l-aperturi u l-bidu tal-ilmenti da parti tal-atturi. *Più di tanto*, is-soċjetà konvenuta saħansitra qalet li hija ġieli bagħtet ħaddiema fuq il-post sabiex iwettqu xogħlijiet rimedjali iżda l-attur ma kienx jiftħilhom. L-attur jiċħad dan u jgħid il-kuntrarju. Huwa qal, pereżempju, li saħansitra ġieli ħa l-*leave* mix-xogħol sabiex jibqa' d-dar u jkun jista' jiftaħ lill-ħaddiema meta jiġu iżda dawn qatt ma kienu jitfaċċaw.

Mill-provi ma jirriżultax li huwa minnu li l-ilmenti tal-atturi bdew wara li kienu għaddew xi xhur. L-affidavit ta' Fabian Borg jirrakkonta li fil-31 ta' Awwissu 2017, il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta marru biex jibdew l-installazzjonijiet u waqt l-installazzjonijiet stess bdew jinqalgħu l-problemi. Ħames difetti prinċipali, fil-fatt, huma elenkati mill-attur a fol. 35. Minkejja li skont l-attur, dawn id-difetti nġiebu għall-konjizzjoni tas-soċjetà konvenuta, kellhom jgħaddu ġimgħatejn qabel is-soċjetà konvenuta nfurmatu bid-dati meta l-ħaddiema tagħha kienu lesti jkompli l-installazzjoni u jagħmlu t-tiswijiet neċessarji. Tant mhux minnu li

kienu għaddew diversi xhur li a fol. 36 u 37, l-attur esebixxa *e-mail* mingħand Matthew Jarrett (ħaddiem tas-soċjetà konvenuta) li jagħmel referenza ċara għal *snags* u *rectification* ta' problemi, liema *e-mail* hija datata 6 ta' Ottubru 2017, jiġifieri madwar ħames ġimgħat wara l-installazzjoni inizjali. Inoltre, matul Settembru 2017, il-partijiet kienu f'kuntatt kważi kontinwu.

Meta wieħed iqis in-natura ta' din l-azzjoni, hemm żewġ affarijiet li huma ovvji. L-ewwel waħda hija li s-soċjetà attriċi għamlet xi forma ta' xogħol, minkejja li dan inizjalment seta' kien ħażin u kien hemm bżonn li jkun irranġat. It-tieni ħaġa hija li jekk l-atturi jingħataw lura l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), ikunu essenzjalment qegħdin jibbenefikaw minn xogħlijiet li jkunu saru mingħajr ma jkunu ħallsu ċenteżmu. Dan imur kontra l-prinċipju *omnia labor optat premium*.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Darmanin vs. Moira Agius et***, deċiża fis-6 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Appell qalet:

"*(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessa gli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*

*(2) "L-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*

*(3) Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**).*"

Għalhekk, it-Tribunal sejjer jilqa' it-talbiet tal-atturi limitatament kif ġej:

- Mir-rifużjoni tal-elf u ħames mitt Ewro (€1,500) li tħallsu mill-atturi bħala depożitu, it-Tribunal ser jordna li s-soċjetà konvenuta tħallas biss **ħames mitt Ewro (€500.00)** lill-atturi stante li huwa minnu li sar xogħol ħażin; u

- Li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas l-ammont kollu ta' **disa' mija u sitta u sebgħin Ewro (€976.00)** lill-atturi bħala spejjeż inkorsi mill-istess atturi għall-ħsarat ikkawżati.

*Obiter*, it-Tribunal iqis li għandu jikkummenta dwar in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi fejn intqal li stante li din l-azzjoni tittratta r-relazzjoni bejn kummerċjant u konsumatur, titlob li titqies fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. It-Tribunal ma jikkondividix dan l-argument. L-Art. 20(2) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li l-konsumatur għandu l-għażla li jmur jew quddiem il-qrati ordinarji jew quddiem it-Tribunal kostitwit skont il-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, mhux il-każ li dan it-Tribunal għandu jħares lejn kawżi bejn kummerċjant u konsumatur minn lenti diversa stante li kienet l-għażla tal-atturi li jiġu quddiem dan it-Tribunal meta setgħu, kieku riedu, imorru quddiem it-Tribunal għal Affarijiet tal-Konsumatur kostitwit skont il-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta (ara ***Brian J. Bailey vs. Hayden J. Vella et***, deċiża minn dan it-Tribunal, diversament ippresedut, fit-2 ta' Novembru 2020).

## 4. <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, wara li sema' lix-xhieda u eżamina d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jiddeċiedi li jilqa' it-talbiet tal-atturi b'mod limitat u jordna li s-soċjetà konvenuta għandha tħallashom is-somma komplessiva ta' elf, erba' mija u sitta u sebgħin Ewro (€1,476.00), bl-imgħaxijiet li għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**